REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/479

tat-22 ta' Marzu 2019

li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2018 minħabba sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għall-2017 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1903 ([2]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 ([3]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 ([4]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għall-2018 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 ([6]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2360 ([7]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ([8]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, hija għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1969 ([9]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet fl-2018 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1903 tat-28 ta' Ottubru 2016 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 295, 29.10.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 26).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 281, 31.10.2017, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2360 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 1).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1969 tat-12 ta' Diċembru 2018 li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2018 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 316, 13.12.2018, p. 12).

(5) Madankollu, fil-każ ta' ċerti Stati Membri, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 ma setax inaqqas il-kwoti allokati għall-istokkijiet li kienu ġew mistada żżejjed minħabba li fl-2018 dawk l-Istati Membri ma kellhomx it-tali kwoti.

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed fis-sena ta' wara dik li fiha jkunu ġew mistada żżejjed minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwoti disponibbli għalihom, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħrajn fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali. Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2012/C 72/07 li fiha linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([10]), jenħtieġ li tnaqqis bħal dan isir preferibbilment mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd żejjed fuq il-kwota, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi evitat il-qbid skartat fis-sajd imħallat.

(7) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati b'rabta mat-tnaqqis propost mill-kwoti allokati għal stokkijiet oħrajn minbarra dawk li ġew mistada żżejjed.

(8) F'ċerti każijiet, l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd konklużi skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) jippermettu t-tnaqqis b'rabta mal-istess stokkijiet fil-kuntest tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969.

(9) Fis-17 ta' Ottubru 2018, Spanja għarrfet lill-Kummissjoni li kien hemm żball fil-qabdiet tal-pixxispad li ġew irrappurtati li saru fl-Oċean Atlantiku fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/AS05N) fl-2017. Wara li, fit-3 ta' Diċembru 2018, Spanja bagħtet il-korrezzjonijiet tagħha permezz tas-sistema għar-rappurtar tad-*data* aggregata dwar il-qabdiet, jidher li l-qabdiet tal-pixxispad li saru fl-Oċean Atlantiku fin-Nofsinhar ta' 5° N ma qabżux il-kwota allokata lilha għal dan l-istokk għall-2017. Għalhekk, jenħtieġ li t-tnaqqis korrispondenti jitħassar mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969.

(10) Fit-23 ta' Novembru 2018, Spanja talbet li taġġorna d-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet tagħha b'rabta mat-tonn l-isfar fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC (YFT/IOTC). Abbażi tal-iktar *data* aġġornata li Spanja bagħtet fit-13 ta' Diċembru 2018, jidher li nqabżet il-kwota ta' dan il-pajjiż għall-2017 għat-tonn l-isfar fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC (YFT/IOTC). B'hekk jenħtieġ li t-tnaqqis korrispondenti jiżdied mal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969.

(11) Barra minn hekk, jidher li ċertu tnaqqis li jeżiġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 huwa iktar mill-kwota adattata disponibbli fl-2018 u għalhekk ma jistax isir kollu f'dik is-sena. Skont il-Komunikazzjoni 2012/C 72/07, jenħtieġ li l-ammonti li jifdal jitnaqqsu mill-kwoti adattati disponibbli fis-snin ta' wara sa ma jingħata lura l-ammont kollu tas-sajd żejjed.

(12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 jiġi emendat kif xieraq.

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'mod retroattiv mid-data li fiha daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 li stabbilixxa t-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-istess stokkijiet fl-2018,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/2285, (UE) 2017/1970, (UE) 2017/2360 u (UE) 2018/120 għall-2018 imsemmijin fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitnaqqsu billi jsir it-tnaqqis b'rabta mal-istokkijiet alternattivi stabbilit f'dak l-Anness.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (2012/C 72/07) (ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-20 ta' Diċembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦALL-2018 GĦALL-ISTOKKIJIET ALTERNATTIVI

STOKK MISTAD IŻŻEJJED							STOKK ALTERNATTIV					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2018 għall-istokk mistad iżżejjed (f'kilogrammi)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li għandha titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2018 għall-istokk alternattiv (f'kilogrammi)
DK	NOP	04-N.	Il-merluzz tan-Norveġja	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV	24 447		DK	NOP	2A3A4.	Il-merluzz tan-Norveġja	Iż-żona 3a u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4	24 447
DK	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	9 979		DK	HER	1/2-	L-aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	9 979
DK	POK	1N2AB.	Il-pollakkju l-iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	9 508		DK	HER	1/2-	L-aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	9 508
ES	GHL	1N2AB.	Il-ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	25 335		ES	RED	1N2AB.	Ir-redfish	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	25 335
ES	POK	1N2AB.	Il-pollakkju l-iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	1 650		ES	RED	1N2AB.	Ir-redfish	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	1 650
FR	GHL	1N2AB.	Il-ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	6 868		FR	RED	1N2AB.	Ir-redfish	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	6 868

STOKK MISTAD IŻŻEJJED							STOKK ALTERNATTIV					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2018 għall-istokk mistad iżżejjed (f'kilogrammi)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li għandha titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2018 għall-istokk alternattiv (f'kilogrammi)
IE	HKE	8ABDE.	Il-merluzz	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe	1 300		IE	HKE	571214	Il-merluzz	Iż-żoni 6 u 7, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14	1 300
NL	WHG	56-14	Il-merlangu	Iż-żona VI, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona Vb u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	18 648		NL	WHG	2AC4.	Il-merlangu	Iż-żona 4 u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a	18 648

ANNESS II

"ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦALL-2018

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali tal-2017 (f'kilogrammi)	Il-ħatt l-art permess għall-2017 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Il-qabdiet totali li saru fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet alternattivi skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/479 (8) (il-kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2019 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)
BE	RJU	07D.	Ir-raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId	2 000	2 000	5 648	282,40 %	3 648	1,00	/	/	3 648	1 031	/	2 617
BE	SRX	07D.	Ir-rebekkini u r-raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId	96 000	91 353	95 695	104,75 %	4 342	/	/	/	4 342	4 342	/	/
BE	SRX	67AKXD	Ir-rebekkini u r-raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa sa c u VIIe sa k	762 000	907 100	919 333	101,35 %	12 233	/	/	/	12 233	12 233	/	/
DK	MAC	2A34.	Il-kavalli	Iż-żoni IIIa u IV u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb u IIIc u tas-subdiviżjonijiet 22 sa 32	22 031	17 525 756	17 992 741	102,66 %	466 985	/	/	/	466 985	466 985	/	/
DK	MAC	2A4 A-N	Il-kavalli	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa	16 004	14 538 090	14 801 414	101,81 %	263 324	/	/	/	263 324	263 324	/	/
DK	MAC	2CX14-	Il-kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona Vb u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	/	5 341 916	5 342 930	100,02 %	1 014	/	/	/	1 014	1 014 (12)	/	/
DK	NOP	04-N.	Il-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet aċċessorji marbutin miegħu	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV	0	0	16 298	Ma japplikax	16 298	1,00	A	/	24 447	/	24 447	/
DK	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	/	0	9 979	Ma japplikax	9 979	1,00	/	/	9 979	/	9 979	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali tal-2017 (f'kilogrammi)	Il-ħatt l-art permess għall-2017 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Il-qabdiet totali li saru fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	It-tnaqqis pendenti misjena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tassajd għall-2018 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tassajd għall-2018 għallistokkijiet mistada żżejjed (7) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għallistokkijiet alternattivi skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/479 (8) (il-kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2019 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)
DK	POK	1N2AB.	Il-pollakkju l-iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	/	0	9 508	Ma japplikax	9 508	1,00	/	/	9 508	/	9 508	/
ES	ALB	AN05N	L-alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	14 981 130	13 961 453	13 940 306	99,85 %	– 21 147 (10)	/	/	189 117 (11)	189 117	189 117	/	/
ES	GHL	1N2AB.	Il-ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	/	19 200	36 090	187,97 %	16 890	1,00	A	/	25 335	/	25 335	/
ES	GHL	N3LMNO	Il-ħalibatt ta' Greenland	Iż-żona 3LMNO tan-NAFO	4 067 000	4 061 001	4 072 229	100,28 %	11 228	/	C (9)	/	11 228	11 228	/	/
ES	POK	1N2AB.	Il-pollakkju l-iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	/	86 500	88 150	101,91 %	1 650	/	/	/	1 650	/	1 650	/
ES	YFT	IOTC	It-tonn l-isfar	Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC	45 682 000	45 682 000	48 147 520	105,40 %	2 465 520	/	/	/	2 465 520	327 060	/	2 138 460
FR	GHL	1N2AB.	Il-ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	/	0	6 868	Ma japplikax	6 868	1,00	/	/	6 868	/	6 868	/
FR	YFT	IOTC	It-tonn l-isfar	Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC	29 501 000	29 651 000	29 960 730	101,04 %	309 730	/	/	/	309 730	309 730	/	/
IE	HKE	8ABDE.	Il-merluzz	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe	/	0	1 300	Ma japplikax	1 300	1,00	C (9)	/	1 300	/	1 300	/
IE	MAC	2CX14-	Il-kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona Vb u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	86 426 000	86 319 537	86 520 982	100,23 %	201 445	/	/	/	201 445	201 445	/	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali tal-2017 (f'kilogrammi)	Il-ħatt l-art permess għall-2017 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Il-qabdiet totali li saru fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	It-tnaqqis pendenti misjuba jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet alternattivi skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/479 (8) (il-kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas millkwoti tas-sajd għall-2019 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)
NL	WHG	56-14	Il-merlangu	Iż-żona VI, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona Vb u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV	/	0	18 648	Ma japplikax	18 648	1,00	/	/	18 648	/	18 648	/
PL	COD	3BC+24	Il-bakkaljaw	Is-subdiviżjonijiet 22 sa 24	654 000	915 170	947 501	103,53 %	32 331	/	C (9)	/	32 331	0	/	32 331
PT	ALB	AN05N	L-alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	2 413 800	2 332 800	2 564 017	109,91 %	231 217	/	/	/	231 217	231 217	/	/
PT	ALF	3X14-	Il-fonsa l-ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	182 000	182 626	185 582	101,62 %	2 956	/	/	/	2 956	2 956	/	/
PT	ANE	9/3411	L-inċova	Iż-żoni IX u X u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF	6 522 000	8 992 936	9 141 377	101,65 %	148 441	/	/	/	148 441	148 441	/	/
PT	BUM	ATLANT	Il-marlin blu	L-Oċean Atlantiku	52 320	51 259	56 271	109,78 %	5 012	/	/	/	5 012	5 012	/	/
PT	LEZ	8C3411	Il-megrims	Iż-żoni VIIIc, IX u X u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF	36 000	139 400	142 316	102,09 %	2 916	/	/	/	2 916	2 916	/	/
PT	SBR	09-	Il-paġella l-ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona IX	37 000	72 027	75 905	105,38 %	3 878	/	/	/	3 878	3 878	/	/
PT	SRX	89-C.	Ir-rebekkini u r-raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIII u IX	1 156 000	1 132 824	1 211 808	106,97 %	78 984	/	/	/	78 984	78 984	/	/
PT	SWO	AN05N	Il-pixxispad	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	1 170 830	1 738 532	1 854 956	106,70 %	116 424	/	/	/	116 424	116 424	/	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali tal-2017 (f'kilogrammi)	Il-ħatt l-art permess għall-2017 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Il-qabdiet totali li saru fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis millkwoti tas-sajd għall-2018 għall-istokkijiet alternattivi skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/479 (8) (il-kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas millkwoti tas-sajd għall-2019 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)
UK	MAC	2CX14-	Il-kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe, l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona Vb u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	237 677 000	222 116 471	224 288 943	100,98 %	2 172 472	/	A (9)	/	2 172 472	2 172 472	/	/

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2016 għall-2017 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv b'mod konsekuttiv fl-2015, fl-2016 u fl-2017. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa suġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena jew mis-snin ta' qabel.

(6) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2018.

(7) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2018 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fl-20 ta' Diċembru 2018.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/479 tat-22 ta' Marzu 2019 li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2018 minħabba sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1969 (ĠU L 82, 25.3.2019, p. 6).

(9) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jistax jiġi applikat billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

(10) It-tnaqqis ma jistax jitnaqqas b'din il-kwantità li ma ntużatx minħabba li l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax għall-istokk ALB/AN05N.

(11) Fuq talba ta' Spanja, it-tnaqqis ta' 2 269 354 kilogramma li kellu jsir fl-2017 inqasam nofs b'nofs fuq sentejn (l-2017 u l-2018) permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2309. Billi l-kwota oriġinali ta' Spanja għall-2018, kif ġiet stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/120, diġà tirrifletti tnaqqis ta' 945 560 kilogramma, il-kwantità li fadal li trid titnaqqas hija ta' 189 117-il kilogramma.

(12) Għalkemm id-Danimarka ma kellhiex kwota oriġinali għal dan l-istokk mistad iżżejjed, hija kkonkludiet skambji tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jippermettu li jsir tnaqqis minn dan l-istokk."